# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*17 ta' Awwissu, 2009*

90/2009

## DISKORS TAL-ARĊISQOF WAQT IL-PREZENTAZZJONI TA' KOPJA TAR-RAPPORT 'FOR WORSE NOT FOR BETTER', MILL-MEMBRI TAL-PROGETTIMPENN

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lilkom tal-ProġettImpenn għall-ħidma kollha li għamiltu f'din is-sena biex tiġbdu l-attenzjoni dwar il-Familja, u l-importanza li naħdmu għall-istabilita' tagħha. Naħseb il-kampanja li għamiltu kienet ta' fejda kbira kemm fiha nfisha, kif ukoll għaliex il-messaġġ tagħkom kien ċar: mhux se jkollna familji u żwiġijiet stabbli jekk stat, Knisja, u entitajiet oħrajn mhux se jaħdmu għaliha b'kull mod. Hemm wisq xi jfixkel illum fl-istabilita' taż-żwieġ. Jekk l-istat jistqarr li żwieġ u familji sodi huma ta' ġid bażiku għas-soċjeta', mela il-koppji miżżewġin iridu l-għajnuna minħabba l-kontribut li jagħtu għall-ġid tal-istat, bħalma sitwazzjonijiet oħrajn jeħtieġu għajnuna mill-Istat biex jgħixu ħajja deċenti meta tifrik ta' familja jirriżulta f'faqar ta' kull xorta: finanzjarju, emozzjonali, soċjali.

Illum nixtieq nirringrazzjakom għaliex ħadtu l-impenn biex tagħtu l-kontribut tagħkom ukoll fuq il-kwistjoni tad-Divorzju. Huwa dibattitu li ilu li beda fis-soċjeta', u bħalma hemm min jikteb favur id-divorzju, il-konsegwenzi li jġib miegħu jqiegħed dover fuq dawk li jemmnu fl-istabilita' taż-żwieġ, inkluża l-Knisja Kattolika, li taqsam mal-Poplu Malti l-ħsieb tagħha. Nieħu gost li d-Dokument huwa bbażat fuq studji u riċerki, u mhux fuq nuqqas ta' rispett lejn il-persuni li jaħsbuha b'mod differenti.

Il-Knisja tibbaża l-argumenti tagħha fuq żewg livelli. L-ewwel wieħed huwa fuq it-tagħlim tal-Mulej Ġesu'. Sentenzi ta' Ġesu' bħal: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mose' takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom" u "Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19, 8.6) juru ċar il-ħsieb ta' Ġesu' fuq iż-żwieġ. Minkejja kull diskussjoni fuq il-kliem "barra minn żwieġ ħażin" (in-nisrani jġħaddi għall-Kelma ta' Alla

mill-interpretazzjoni tal-Knisja Kattolika, bħalma protestant jgħaddi minn interpretazzjoni tal-Knisja tiegħu), jidher ċar li Ġesu', f'dan id-diskors qatt ma seta' jippermetti li l-poter spiritwali li huwa ta' Alla ("li għaqqad Alla"), u din hija l-veru emfasi ta' Ġesu', jgħaddi biex ikun poter f'idejn il-bniedem ("ma għandux jifirdu l-bniedem"). Dan hu d-divorzju li qed jiġi propost illum: li 'dak li għaqqad Alla' jgħaddi f'idejn il-bniedem biex ikun jista' jifirdu hu bid-divorzju. Il-Knisja Kattolika qatt ma tista' tippermetti li dan isir.

Iżda dan it-tagħlim li hu validu fi ħdan il-membri tal-Knisja, aħna nixtiequ ngħadduh lis-soċjeta' kollha hawn f'Malta bħala offerta ta' riflessjoni. Inkunu qed nonqsu lis-soċjeta' li aħna parti minnha jekk ma magħmlux dan. Iżda din id-darba aħna ma nitilqux minn pożizzjoni ta' twemmin, iżda minn pożizzjoni ta' fatti. In-nisrani jara li l-fatti jipprovaw dak li jemmen. Lis-soċjeta' nipproponulha dawn il-fatti biex imbagħad kull wieħed u waħda fis-soċjeta', u s-soċjeta' fiha nfisha, tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Mill-ġdid nirringrazzjakom għall-impenn tagħkom favur żwieġ dejjiemi bħala bażi ta' kull familja, kif ukoll ta' dan id-Dokument, li għalkemm huwa miftuħ li jiġi ribattut fuq l-argumenti u l-istatistiċi li fih, minn argument u stastiċi oħra, żgur li jgħinna biex id-deċiżjoni ma neħduhiex biss għaliex pajjiżi oħra għamluha jew għaliex qed issir pressure fuqna, iżda b'għażla, favur jew kontra, libera u mdawla.

*Nota:* Il-ProgettImpenn jiġbor fiħ il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Caritas Malta u l-Moviment ta' Kana.